Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Numru. 1283/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Emanuel Gauci**

Illum, 7 ta’ Marzu 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Gauci, ta’ 20 sena, bin Martin u Maria nee’ Gauci, iwmieled Pieta’ fis-27 ta’ Frar, 1990, u residenti fil-fond Flat 3, Qasam Hal Dmikki, blokk C, Sezzjoni Numru 1, Ghaxaq u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 155290(M).

Akkuzat talli nhar it-03 ta’ Jannar, 2010 ghal habta tad-21:30hrs gewwa Triq Nazzjonali, Floriana, fil-waqt li kien qed issuq ventura bin-numru ta’ registrazzjoni GBJ 103 ta’ l-ghamla Mercedes.

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna il-mewt ta’ Keith Bezzina detentur tal-karta ta’ l-Idenitita bin-numru 322590(M) u dan bi ksur ta’ Artikolu 225(1) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta’ Nicholas Cassar detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 247990(M), Giorgio Domenico Peresso detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 332488(M) u Glenn Cauchi detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 553190(M) u dan bi ksur ta’ Artikolu 226(1)(a)(b) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offizi hfief fuq il-persuna ta’ Ryan Farrugia, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 395188(M) u dan bi ksur ta’ Artikolu 261(c)(f), 267, 270, 279(b) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi saq vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, u/jew b’mod perikoluzi u dan bi ksur ta’ Artikolu 15(1)(a) ta’ Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli ecceda il-limitu ta’ velocita kif preskirtt bil-ligi f’Artikolu 127(1) ta’ L.S 65. 11.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan, u dan kif stipulat f’Artikolu 15 (2) (3) ta’ Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 225(1) u 226(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-

Ligijiet ta’ Malta u r-regolament 127 ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghal hames imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtgu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum meta l-partijiet qablu li l-hames imputazzjoni hija preskritta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali inkluz l-proces verbal ta’l-inkjesta relattiva.
Ikkunsidrat

Illi jirrizulta li l-incident mertu ta’ dawn il-proceduri sehh fit-3 ta’ Jannar 2010. Ic-citazzjoni li permezz taghha nbdew dawn il-proceduri giet prezentata fit-30 ta’ Novembru 2010, cioe ferm wara d-dekors tat-tlett xhur mid-data ta’ l-incident. Ghalhekk dak li qablu dwaru l-partijiet fil-fatt jirrizulta fis-sens li l-hames imputazzjoni, li hija wahda ta’ natura kontravenzjonali, hija preskritta.

Illi l-imputat ammetta l-erba’ imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatti in konsiderazzjoni. Naturalment l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa l-gravita tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll ir-rizulta ta’ l-azzjonijiet tieghu u cioe l-mewt ta’ persuna u l-feriment ta’ erbgha persuni ohra apparti l-imputat innfisu.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti trid bil-fors tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija u mal-awtoritajiet kompetenti, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, l-fedina penali tieghu li hija netta u anke l-eta ta’ l-imputat.

Illi fattur iehor li ukol ghandu jinghata certu piz huwa l-fatt li l-imputat qed jghix bil-piz li huwa kkawza l-mewt ta' habib tieghu u li b'l-agir tieghu erbgha hbieb ohra tieghu soffrew diversi griehi. In oltre jidher car li dan il-piz qed ihalli effett qawwi hafna fuq l-imputat tant li l-Qorti hija konvinta li kwalunkwe sentenza li tista' taghti ma tistax tissupera f'l-effetti taghha l-effett ta' dan il-piz li qed igorr mieghu l-imputat, li del resto huwa guvni li ghad ghandu ghoxrin sena. Ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li b'l-ammissjoni tieghu f'dan l-istadju l-imputat qed juri li huwa qed jirikonoxxi li zbalja u li huwa lest  jassumi r-responsabbilta tieghu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex timponi sentenza ta' prigunerija effettiva imma wahda sospieza fil-perjodi massimi previsti b'sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu adgewat fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tiddikjara l-hames imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikoli 225(1) u 226(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin u qed tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b'applikazjzoni ta'l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex fi zmien sena jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €2553.97 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------